MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Talba Numru. 142/2006

**Emmanuel Vella & Sons Limited**

**Vs**

**Care Import Export Company Limited**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ tmien mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm844.03c) rapprezentanti valur ta’ servizzi debitament rezi fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta stess kif jirrizulta minn invoice numbers 124987 u 124982 datati 21 t’April, 2005 u 30 t’April, 2005.
Ra illi s-socjeta’ konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-27 ta' Marzu, 2006, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm844.03c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------